Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,410, 22 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 210 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science – B.Sc. (Hons) Health Science – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 295 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafi (1) sa (6) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (2) sa (7).

4. Il-paragrafu (1) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali:

Verżjoni Elettronika

"9. (1) Biex l-istudenti jkunu jistgħu jingħataw krettu għal kwalunkwe taqsima studju inkluża fil-programm, iridu jġibu marka ta' mhux inqas minn 45% fit-taqsima studju."

5. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-istudenti li fi kwalunkwe sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti għandhom jingħataw l-opportunità li jerġgħu jagħmlu l-valutazzjoni li weħlu fihom matul is-sessjoni tal-valutazzjoni ta' Settembru."

6. Minflok il-paragrafu (6) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(6) L-istudenti li jeħlu f'aktar min-numru ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament ikunu meqjusa li weħlu s-sena, u jekk eliġibbli skont ir-Regolamenti Prinċipali, ikunu meħtieġa li:

(a) ikunu assessjati fit-Taqsima/iet Studju Mhux Kompluta/i f'sena estensjoni ta' studju; jew

(b) jirrepetu s-sena kollha, inkluż kwalunkwe Taqsimiet Studju li l-istudenti jkunu temmew b'suċċess fis-sena li fallew."